MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2012

Rikors Numru. 500/2012

**AB**

***Vs***

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti; li permezz tieghu ippremetta:

Illi l-partijiet izzewgu fl-ghaxra (10) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u tmeinja u disghin (1998) kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dokument A;

Illi l-partijiet ma ghandhomx tfal;

Illi l-partijiet huma ilhom legalment separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat tnejn (2) ta' Settembru tas-sena elfejnu tlieta (2003) pubblikat fl-atti

tan-Nutar Dr Joseph Debono anness u mmarkat Dokument B;

Illi l-partijiet ilhom il-fuq minn ghaxar (10) snin ma jghixux flimkien;

Illi m’hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom aktar minn ghaxar (10) snin ma jghixux flimkien, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi skont l-artikolu 4 tal-imsemmi kuntratt ta’ separazzjoni personali il-partijiet iddekadew minn kull dritt ghal kwalunkwe manteniment minghand il-parti l-ohra;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1) Tippronunzja il-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;

2) Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta tal-intimata, li permezz taghha eccepiet :

Illi l-partijiet ilhom separati legalment mis-sena 2003 u dan kif jirrizulta mill-kuntratt ta’ separazzjoni li gie esebit mar-rikors tar-rikorrenti bhala Dok B;

Illi huwa minnu li m’hemm l-ebda possibilita ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi l-partijiet m’ghandhomx t-tfal;

Illi in oltre u skond klawsola numru 4 tal-kuntrat ta' separazzjoni, il-partijiet iddekadew mid-dritt li jitolbu manteniment minghand xulxin;

Illi in vista ta' dan l-esponenti ma ssib l-ebda oggezzjoni ghat-talba tar-rikorrent b'dana illi l-esponenti m'ghandha tbati l-ebda spejjez in konnessjoni mal-istess;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Ottubru, 2012;

Rat l-atti kollha;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat ir-rikorrent irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-2 ta' Settembru 2003 u ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi m'hemmx manteniment dovut peress illi l-partijiet iddekadew minn kull dritt ghal kwalunkwe manteniment fil-kuntratt tas-separazzjoni taghhom;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------